**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 190/2015**

**Illum: 26 ta' Awwissu, 2015**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Justine Grech)**

**vs**

**Carmelo Esquerdo**
**(ID 58352A)**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Carmelo Esquerdo, iben Angelo Esquerdo u Graziella nee` La Spina, imwieled l-Italja fit-13 ta' Marzu 1986, residenti gewwa 53, M. Lourdes, Triq il-Kbira, Qrendi, detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru 58352A;

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fid-19 ta' Gunju 2015 u fis-sena ta' qabel din id-data:

1. Ikkoltiva l-pjanta *Cannabis* bi ksur tal-artikolu 8(c) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta *Cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur tal-artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fil-kaz ta' htija, il-Qorti giet mitluba sabiex tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri ossia fl-ewwel seduta li nzammet fl-10 ta' Awwissu 2015, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba u jerga' lura minnha;

Semghet trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat li, kif inghad izjed il'fuq, giet registrata fl-ewwel seduta, kif ukoll il-fedina penali tieghu li hija wahda netta. Hadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt illi fuq il-weraq tal-pjanta fid-dokument moghti lill-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut ghall-analizi, instabu *trichomes*, fattizzi tal-weraq tal-pjanta tal-kannabis, li fuq estratti mehuda mill-weraq instabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol* u li l-piz tal-weraq kien ta' 0.13 grammi.[1] Qieset ukoll illi f'dan il-kaz, ma tirrizulta l-ebda prova illi t-tkabbir ta' din il-pjanta mill-imputat kien intiz ghall-ispacc tal-kannabis, izda li din kienet intiza biss ghall-uzu personali tieghu, tant illi fil-fatt huwa gie mixli fit-tieni imputazzjoni bir-reat ikkontemplat fl-artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta, "*Persuna li tinstab hatja ta' kultivazzjoni tal-pjanta tal-kannabis fi kwantita` zghira li ma taqbizx pjanta wahda, f'cirkostanzi fejn il-Qorti tkun sodisfatta li tali kultivazzjoni kienet ghall-uzu personali m'ghandhiex tkun soggetta ghal terminu mandatorju ta'*

[1] Ara r-relazzjoni tal-espert esebita bhala Dok. GS.

*prigunerija u m'ghandhiex tkun soggetta ghall-eskluzjoni tal-applikazzjoni ta' ordni ta' probation jew ta' sospensjoni ta' terminu ta' prigunerija previsti fil-ligijiet dwar id-droga.*"

Ghaldaqstant, fil-waqt illi ai termini tal-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-reat ta' kultivazzjoni tal-pjanta tal-*cannabis* huwa punibbli tassattivament b'terminu ta' prigunerija ta' mhux inqas minn sitt xhur u mhux izjed minn ghaxar snin flimkien ma' multa ta' mhux inqas minn €465.87 u mhux izjed minn €11,646.87, mill-banda l-ohra ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kap. 537 hawn fuq citat, meta jirrizultaw ic-cirkostanzi hemmhekk indikati, il-piena ta' prigunerija ma tibqax wahda tassattiva u l-Qorti tista' minflok tqieghed lill-hati that Ordni ta' *Probation* jew tikkundannah ghal sentenza ta' prigunerija sospiza. Dan ifisser illi minkejja li d-difiza waqt it-trattazzjoni finali taghha ssottomettiet illi l-liberazzjoni kundizzjonata f'dan il-kaz tkun piena idonea fid-dawl tal-piz tassew zghir tal-weraq misjuba fil-pussess tal-imputat, il-Qorti hija prekluza milli tapplika tali piena.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(c), 8(d), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 7 tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u qeghda tikkundannah ghall-piena ta' sitt (6) xhur prigunerija li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed jigu sospizi ghal perjodu ta' tnax-il xahar mil-lum u multa ta' hames mitt Euro (€500).

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi kemm il-darba huwa jikkommetti reat punibbli bi prigunerija fil-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza.

Tordna d-distruzzjoni tal-esebit (ossia kontenitur bil-hamrija u pjanta) formanti parti mill-atti tal-inkjesta esebiti fl-atti ta' din il-kawza bhala Dokument OD, hekk din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Ai termini tal-Artikoli 392C u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qeghda tordna lill-hati sabiex ihallas l-ispejjez tal-esperti li gew nominati fl-istadju tal-

process verbal tal-inkjesta dwar dan il-kaz, ossia l-ammont ta' mija, hamsa u hamsin Euro u sebgha u erbghin centezmu (€155.47), rapprezentanti l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut u l-ammont ulterjuri ta' spejjez tal-esperti l-ohrajn nominati fl-inkjesta, liema ammont ulterjuri ghandu jigi stabbilit mir-Registratur, hekk kif l-istess esperti jipprezentaw ir-relazzjoni taghhom.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lir-Registratur tal-Qrati Kriminali.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat